32007D0089

L 41/8 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 13.2.2007

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Frar 2007

## li tinnomina żewġ membri u erba' membri supplenti Olandiżi fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2007/89/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Olandiż,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE ([1]) li nnominat il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010.

(2) Saru vakanti żewġ postijiet ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Fons HERTOG u għar-riżenja tas-Sur Pieter VAN WOENSEL. Saru vakanti erba' postijiet ta' membri supplenti konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Laetitia GRIFFITH, għar-riżenja tas-Sur James LIDTH DE JEUDE, għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Wim ZWAAN u għar-riżenja tas-Sur Alexander SAKKERS,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Huma b'dan nominati, fil-Kumitat tar-Reġjuni, għall-perjodu li jifdal tal-mandat, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

a) bħala membri:

— is-Sur Cor LAMERS, burgemeester van Houten

— is-Sur Henk KOOL, wethouder te Den Haag,

sabiex jissostitwixxu

— lis-Sur Fons HERTOG,

— lis-Sur Pieter VAN WOENSEL;

b) bħala membri supplenti:

— is-Sur Lodewijk ASSCHER, wethouder te Amsterdam,

— is-Sur Rik DE LANGE, wethouder te Zutphen,

— is-Sinjura Ellie FRANSSEN, wethouder te Voerendaal,

— is-Sinjura Rinda DEN BESTEN, wethouder te Utrecht,

sabiex jissostitwixxu

— lis-Sinjura Laetitia GRIFFITH,

— lis-Sur James LIDTH DE JEUDE,

— lis-Sur Wim ZWAAN,

— lis-Sur Alexander SAKKERS.

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Frar 2007.

*Mill-Kunsill*

*Il-President*

F.-W. STEINMEIER